

32002R1754

L 264/23

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

2.10.2002

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1754/2002
ta' l-1 ta' Ottubru 2002**

li jemenda għar-raba' darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi mmirati kontra ċerti persuni u entitajiet li huma assoċjati ma' Usama Bin Laden, l-Al-Qaida network u t-Taliban, u jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 467/2001

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċertu miżuri speċifiċi li huma mmirati kontra ċertu persuni u entitajiet li huma assoċjati ma' Usama bin Laden, in-network ta' l-Al-Qaida u t-Taliban, u li jħassar ir-Regolament ta' l-Kunsill (KE) Nru 467/2001 li jipprojbixxi l-esportazzjoni ta' ċerti oġġetti u servizzi lejn l-Afganistan, biex isaħħaħ il-projbizzjoni tat-titjiriet u jestendi l-iffriżar tal-fondi u riziorsi finanzjarji oħra marbuta mat-Taliban ta' l-Afganistan ⁽¹⁾, bħalma kien emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1644/2002 ⁽²⁾, u partikolarment l-Artikolu 7(1), l-ewwel inċiż, tiegħu

Billi:

- (1) L-ANNESS I għar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-persuni, gruppi u entitajiet koperti bl-iffriżar tal-fondi u r-iziorsi ekonomiċi taħt dak ir-Regolament.
- (2) Fil-11 u t-30 ta' Settembru 2002, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet iddeċieda li jemenda l-lista ta' persuni, gruppi

u entitajiet għal-liema l-iffriżar tal-fondi u r-iziorsi ekonomiċi għandhom jgħoddu, għaldaqstant, l-Anness I għandu jiġi emendat kif suppost.

- (3) Biex jassigura li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma effettivi, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ minnufih,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-ANNESS I għar-Regolament (KE) Nru 881/2002 hu emendat skond l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-1 ta' Ottubru 2002.

Għall-Kummissjoni

Christopher PATTEN

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 139, tad-29.5.2002, p. 9.

⁽²⁾ ĠU L 247, ta' l-14.9.2002, p. 25.

ANNEX

L-ANNEX I tar-Regolament (KE) 81/2002 hu emendat kif ġej:

1. Id-dħul "Moviment Islamiku Turkistan mil-Lvant jew Moviment Islamiku tal-Lvant (MITL) (bħal ma hu magħruf il-Partit Islamiku Turkistan mil-Lvant)" taħt l-intestatura "Persuni legali, gruppi u entitajiet" għandhom jiġu sostitwiti kif ġej:

"Moviment Islamiku Turkistan mil-Lvant jew Moviment Islamiku Turkistan tal-Lvant (MITL) (bħal ma hu magħruf Partit Islamiku Turkistan mil-Lvant jew Partit Islamiku Turkistan mil-Lvant ta' Allah".
2. Il-persuni naturali li ġejjin għandhom jiżdiedu taħt l-intestatura "Persuni Naturali":
 - (a) Bahaji, Said, li kien residenti f'Bunatwiete 23, D-21073 Hamburg, il-Ġermanja; data tat-twelid il-15 ta' Lulju 1975; post tat-twelid: Haselünne (Saxony t'Isfel), il-Ġermanja; passaport proviżorju Ġermaniż Nru 2 864 263 maħruġ mill-Belt ta' Hamburg;
 - (b) Binalshibh, Ramzi Mohamed Abdullah (bħal ma hu magħruf Omar, Ramzi Mohamed Abdellah; bħal ma hu magħruf Binalsheidah, Ramzi Mohamed Abdullah; bħal ma hu magħruf Bin al Shibh, Ramzi); data tat-twelid l-1 ta' Mejju 1972 jew is-16 ta' Settembru 1973; post tat-twelid: Hadramawt, Jemen jew Khartoum, Sudan; ċittadinanza: Sudan jew Jemen; passaport ta' Jemen Nru 00 085 243 maħruġ fit-12 ta' Novembru 1997 ġewwa Sanaa, Jemen;
 - (c) El Motassadeq, Mounir, Göschenstraße 13, D-21073 Hamburg, il-Ġermanja; data tat-twelid it-3 ta' April 1974; post tat-twelid: Marrakesh, il-Marokk; ċittadinanza: Marrok; passaport Marrokin Nru H 236 483 maħruġ fit-24 ta' Ottubru 2000 mill-Ambaxxata Marokkina ġewwa Berlin, il-Ġermanja;
 - (d) Essabar, Zakarya (bħal ma hu magħruf Essabar, Zakariya), Dortmunder Straße 38, D-22419 Hamburg, il-Ġermanja; data tat-twelid it-3 ta' April 1977; post tat-twelid: Essaouria, il-Marokk; ċittadinanza: Il-Marokk; passaport Nru M 271 351 maħruġ fl-24 ta' Ottubru 2000 mill-Ambaxxata tal-Marokk f'Berlin, il-Ġermanja.
3. Id-dħul "Wa'el Hamza Julaidan (bħal ma huwa magħruf Wa'il Hamza Julaidan, Wa'el Hamza Jaladin, Wa'il Hamza Jaladin, u Abu Al-Hasan al Madani); data tat-twelid: 22 ta' Jannar 1958; post tat-twelid: Al-Madinah, Għarabja Sawdija; passaport Sawdi Nru A-992535" taħt l-intestatura "Persuni Naturali" għandhom jiġu sostitwiti kif ġej:

"Wa'el Hamza Julaidan (bħal ma hu magħruf Wa'il Hamza Julaidan, Wa'el Hamza Jalaidan, Wa'il Hamza Jaladin, Wa'el Hamza Jaladin, u Abu Al-Hasan al Madani); data tat-twelid: 22 ta' Jannar 1958; post tat-twelid: Al-Madinah, Għarabja Sawdija; passaport Sawdi Nru A-992535".